# MIŻURI TA' MITIGAZZJONI GĦALL-QBID AĊĊIDENTALI TAL-GĦASAFAR TAL-BAĦAR

## LINJI GWIDA



PROĠETT LIFE PANPUFFINUS!
2026

Co-funded by the European Union

**Il-proġett LIFE PanPuffinus!** huwa proġett ikkoordinat minn BirdLife Malta bi sħab ma' Aquatic Resources (ARM), Hellenic Ornithological Society (HOS), Natural Environment & Climate Change Agency (NECCA), Sociedad Española de Ornitología (SEO/BirdLife), Ligue pour la Protection des Oiseaux (LPO) Sociedade Portuguesa para o Estudo das Aves (SPEA).

**Il-proġett huwa kofinanzjat mill-Programm LIFE tal-Unjoni Ewropea**, li jappoġġja inizjattivi ambjentali u ta' azzjoni klimatika mmirati lejn il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-ħabitati naturali tal-Ewropa, skont il-kuntratt LIFE19 NAT/MT/000982.

**Kofinanzjament:** mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, u d-Drittijiet tal-Annimali, A. G. Leventis Foundation, The Green Fund, French Biodiversity Agency (OFB), Food4Good, MAVA, Sathoan, Fondation Nature et Découverte, Oceanário de Lisboa u Fundo Ambiental.

**Tul tal-proġett:**
Settembru 2020 - Frar 2026

**Edituri:**
Paulo Lago, Ana Almeida, Flávia Carvalho, Martin Austad, Justine Borg, Danae Portolou, Niki Pardalou, Alexandra Caron-Strehlow, Chloé Faure, Daniel Rey, Jose Manuel Arcos, Manya Russo

**Ritratti:**
Pep Arcos, Justine Borg, Flávia Carvalho, Inês Casinhas, Luis Ferreira, Julie Grolleau, Paulo Lago, Rafaela Pestana, Daniel Rey, SEO/BirdLife, SPEA.

**Referenza:**
Lago P., Almeida A., Carvalho F., Austad, M., Borg J., Portolou, D., Pardalou, N., Caron-Strehlow A., Faure C., Rey D., Arcos, J.M., Russo M. (2026) Seabird bycatch mitigation toolkit. LIFE PanPuffinus! project LIFE19 NAT/MT/000982.

**Disinn Grafiku:**
Rita Mendes

**LIFE PANPUFFINUS! WEBSAJT**

# INTRODUZZJONI

LIFE PanPuffinus!

## L-GĦAN TAL-PROĠETT

Il-proġett LIFE PanPuffinus! jindirizza l-ħtieġa urġenti għall-konservazzjoni ta' żewġ speċi endemiċi ta' għasafar tal-baħar Mediterranji li jinsabu mhedda: il-Garnija u l-Garnija Balearika. Il-qbid aċċidentali fl-irkaptu tas-sajd jirrapreżenta theddida ewlenija għat-tajr tal-baħar.
B'kollaborazzjoni bejn Malta, Greċja, Spanja, Franza u Portugall, il-proġett ħadem flimkien mas-sajjieda fuq perjodu ta' ħames snin biex tinġabar dejta dwar kemm jinqabdu tajr tal-baħar aċċidentali waqt is-sajd u sabiex jiġu ittestjati miżuri ta' mitigazzjoni li jnaqqsu dan il-qbid.

## MIŻURA TA' MITIGAZZJONI

Miżura ta' mitigazzjoni hija bidla fl-irkaptu tas-sajd jew fil-prattiċi tas-sajd li jgħinu biex jonqos ir-riskju ta' qbid ta' tajr tal-baħar. Peress li kull sajd u tip ta' irkaptu għandhom il-karatteristiċi tagħhom, u jistgħu jaqbdu speċi differenti ta' tajr tal-baħar, il-miżuri għandhom jiġu mfassla b'attenzjoni għal kull sitwazzjoni.
F'ħafna sitwazzjonijiet, diversi miżuri ta' mitigazzjoni użati flimkien, jirriżulta fi tnaqqis effettiv fil-qbid aċċidentali ta' tajr tal-baħar.

**Skont l- "Agreement on the Conservation of Albatrosses and Petrels" (ACAP), miżuri ta' mitigazzjoni effettivi għandhom:**

1. Inaqqsu b'mod sostanzjali l-qbid ta' tajr tal-baħar.
2. Ikollhom speċifikazzjonijiet ċari għall-użu tagħhom.
3. Ikunu prattiċi, siguri, irħas u disponibbli b'mod faċli.
4. Ma jaffetwawx il-qbid tal-ispeċi li jistadu għaliha.
5. Ma jżidux il-qbid aċċidentali ta' speċi vulnerabbli oħra bħal fkieren tal-baħar, il-klieb il-baħar u l-ħamiem tal-baħar, jew dniefel u baleni.

# INTRODUZZJONI

## LINJI GWIDA
## GĦALL-MIŻURI TA' MITIGAZZJONI

Il-maġġoranza tal-flotta tas-sajd Maltija hija artiġjanali u tikkonsisti minn-sajjieda fuq skala żgħira u medja. Hawnhekk qed nippreżentaw skedi informattivi mfassla apposta għall-konzijiet ta' sajjieda fuq skala żgħira u medja. Kull skeda informattiva hija ddedikata għal miżura ta' mitigazzjoni waħda li ġiet ittestjata b'suċċess matul il-proġett. Din tipprovdi lis-sajjieda b'informazzjoni meħtieġa biex jużaw il-miżura b'mod effettiv. L-informazzjoni tinkludi wkoll fejn ġiet ittestjata u fejn tista' tintuża, il-problema tal-qbid aċċidentali tat-tajr tal-baħar li l-miżura qed tindirizza, kif taħdem, u rakkomandazzjonijiet għall-użu tagħha. l-iskedi informattivi jiddeskrivu wkoll il-vantaġġi ewlenin, l-ispejjeż u problemi li jistgħu jinqalgħu, b'pariri prattiċi għal soluzzjonijiet, kif ukoll jispjegaw kif kull miżura tista' tiġi użatha ma' miżuri oħra għal riżultati aħjar.

Meta tiġi implimentata miżura ta' mitigazzjoni, huwa kruċjali li titkompla l-kollaborazzjoni biex tinġabar u tiġi rreġistrata d-dejta dwar vjaġġi tas-sajd, il-qbid aċċidentali tat-tajr tal-baħar u x'effett kellha l-miżura. Din l-informazzjoni tgħin biex tiġi evalwata kemm huma effettivi l-miżuri, l-adattabilità tagħhom f'pajjiżi u f'sajd differenti, u biex eventwalment ngħinu l-implimentazzjoni mifruxa tal-miżuri li finalment tikkontribwixxi għall-konservazzjoni tal-Garnija u l-Garnija Balearika.





# XLIEF LI JBEŻŻA' L-GĦASAFAR

## KONZIJIET TAL-QIEGĦ (WAQT IL-KALAR)




## KIF TAĦDEM IL-MIŻURA?

Ix-xlief li jbeżżа' l-għasafar jikkonsisti f'sezzjoni ta' ħabel tal-polyester ta' minimu ta' 20m, b'diversi żigarelli jleqqu tal-polyester imdendlin kull 2m, segwiti b'sezzjoni ta' ħabel ta' 20m bi 3 bagi (dijametru ta' madwar 600 mm) b'distanza ta' 10m bejniethom. Il-ħabel jitwaħħal jew ma' struttura tal-bastiment jew ma' arblu fil-poppa.

Din il-miżura ta' mitigazzjoni tbeżżа' lill-għasafar miż-żona tal-kalar li testendi sa 40m mill-poppa, u b' hekk tnaqqas il-probabbilta' ta' attakki għas-snanar bil-lixka u għalhekk tnaqqas ir-riskju li jinqabdu l-għasafar tal-baħar.

## TIP TA' SAJD

Miżura ta' mitigazzjoni li tiġi implimentata waqt l-kalar tal-konzijiet tal-qiegħ u hi adattata għal sajd fuq skala żgħira u medja li normalment joperaw fil-Mediterran. Il-konzijiet normalment jitqiegħdu f'fond differenti fil-baħar, skont jekk humiex konzijiet tal-qiegħ jew konzijiet tal-wiċċ.

Din il-miżura ta' mitigazzjoni ġiet ittestjata fi Spanja, iżda tista' tiġi applikata kullimkien fis-sajd fejn il-qbid aċċidentali tat-tjur tal-baħar iseħħ fil-konzijiet waqt il-kalar.

## IL-PROBLEMA LI TINDIRIZZA

It-tajr tal-baħar jiġi attirat għall-lixka waqt l-kalar tal-konz u jispiċċa jinqabad mas-sunnara jew jitħabbel fix-xlief. Il-qbid iseħħ f'perjodu qasir minn x'ħin titwaddab s-sunnara mill-bastiment u sakemm tgħereq il-lixka f'fond akbar minn dak li it-tajr tal-baħar normalment jgħoddsu. Il-biċċa l-kbira tat-tajr tal-baħar li jinqabad jispiċċa jegħreq minħabba li jinġibed 'l isfel mas-sunnara. F'xi każijiet, speċjalment fuq bastimenti żgħar li jistgħu jwaqqfu temporanjament il-kalata, xi tajr li jinqabad jista' jinħeles ħaj.

Huma affetwati l-ispeċi ta' tajr tal-baħar fil-Mediterran (Balearika, il-Garnija u ċ-Ċiefa), kif ukoll gawwi, inkluż il-Gawwija ta' Munqarha Aħmar.

# XLIEF LI JBEŻŻA' L-GĦASAFAR

## KONZIJIET TAL-QIEGĦ (WAQT IL-KALAR)

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

1. Waħħal ix-xlief li jbeżża' l-għasafar qabel tibda il-kalata, jew hekk kif tajra tibda ssegwi l-bastiment.
2. Uża l-ogħla punt ta' twaħħil possibbli (mill-inqas 2-3 m minn wiċċ il-baħar).
3. Uża punt ta' twaħħil fil-poppa u separat min-naħa ta' fejn tkala il-konz (jekk possibbli).
4. Ittestja d-distanza tal-ħabel, in-numru u l-forma tal-bagi f'kull bastiment. Bagi miksijin b'xibka joħolqu aktar reżistenza fl-ilma.
5. Suq il-bastiment b'veloċità ta' madwar 3-5 knots u żomm kostanti.

## VANTAĠĠI

- Faċli u malajr jintramaw u jinġabru.
- Jokkupaw ftit spazju fuq il-bastiment.
- Probabbiltà baxxa li jitħabblu mal-konz waqt il-kalar.
- L-ebda impatt fuq il-qbid tal-ispeċi li tistad għalih jew fuq speċi oħra.
- Investiment baxx: teħtieġ biss materjali disponibbli fil-bastiment jew fil-port (ħbula, bagi, labar, karabini, żigarelli).

## PROBLEMI U SOLUZZJONIJIET

- F'kundizzjonijiet ta' riħ jew kurrent qawwi jistgħu jitħabblu mal-konz. Biex dan jiġi evitat, segwi r-rakkomandazzjonijiet t'hawn fuq.
- Jekk il-lixka tkun għadha aċċessibbli għat-tjur tal-baħar wara l-aħħar baga, ipprova estendi ix-xlief li jbeżża' l-għasafar, u uża wkoll il-miżura tal-piżijiet mal-konz.
- Jekk m'għandekx spazju għall-bagi fuq il-bastiment, naqqas l-ammont tagħhom jekk se tuża wkoll il-miżura tal-piżijiet mal-konz.

## MIŻURI OĦRA LI JMORRU FLIMKIEN

B'mod ġenerali, ebda miżura waħedha ma tista' telimina kompletament il-qbid aċċidentali tat-tajr tal-baħar. Normalment, huma numru ta' miżuri użati flimkien li jnaqqsu b'mod effettiv il-qbid aċċidentali. Kull sajjied jista' jittestja u jagħżel il-miżuri li l-aktar jagħmlu sens għal mal-bastiment u l-prattiċi tas-sajd tiegħu.

Il-kalar tal-konzijiet bil-lejl huwa l-aktar mod effettiv biex jitnaqqas il-qbid aċċidentali tat-tajr tal-baħar. Meta l-kalar isir waqt inżul jew tlugħ ix-xemx, taħt dawl qawwi tal-qamar, jew matul il-jum, l-użu tax-xlief li jbeżża' l-għasafar flimkien mal-miżura ta' piżijiet mal-konz, jgħinu biex iżommu t-tajr tal-baħar 'l bogħod mis-snanar sakemm dawn jinżlu f'fond fejn it-tajr ma jilħaqhomx.









# BAGI RMUNKATI

## KONZIJIET TAL-QIEGĦ (WAQT IL-KALAR)




## KIF TAĦDEM IL-MIŻURA?

Din il-miżura ta' mitigazzjoni tikkonsisti f'diversi bagi marbutin ma' ħabel marbut mal-poppa. Tajjeb li jkollok 15-il metru ta' ħabel bi 3 bagi (b'wisa ta' madwar 600 mm dijametru) marbutin fit-tarf, b'distanza ta' 10 metri bejn baga u oħra, u li jkopru tul totali ta' 35 metru.

Il-bagi rmunkati u l-ħabel ibeżżgħu lit-tajr tal-baħar miż-żona fejn qed isir l-kalar, sa' distanza ta' madwar 35 metru mill-poppa. B'hekk tonqos il-probabbiltà ta' attakki fuq is-snanarbil-lixka u jonqos ir-riskju li jinqabad it-tajr tal-baħar.

## TIP TA' SAJD

Miżura ta' mitigazzjoni li tiġi implimentata waqt l-kalar tal-konzijiet tal-qiegħ u hi adattata għal sajd fuq skala żgħira li normalment joperaw fil-Mediterran (bħala alternattiva għal bird scaring lines.) Il-konzijiet normalment jitqiegħdu f'fond differenti fil-baħar, skont jekk humiex konzijiet tal-qiegħ jew konzijiet tal-wiċċ.

Il-bagi rmunkati diġà jintużaw minn xi sajjieda fi Franza, fil-Greċja, f'Malta u fi Spanja, u ġew ittestjati fi Spanja fil-kuntest tal-proġett LIFE PanPuffinus! Hemm bżonn li jsiru aktar testijiet għall-konzijiet tal-wiċċ.

## IL-PROBLEMA LI TINDIRIZZA

It-tajr tal-baħar jiġi attirat għall-lixka waqt l-kalar tal-konz u jispiċċa jinqabad mas-sunnara jew jitħabbel fix- xlief. Il-qbid iseħħ f'perjodu qasir minn x'ħin titwaddab s-sunnara mill-bastiment u sakemm tgħereq il-lixka f'fond akbar minn dak li it-tajr tal-baħar normalment jgħoddsu. Il-biċċa l-kbira tat-tajr tal-baħar li jinqabad jispiċċa jegħreq minħabba li jinġibed 'l isfel mas-sunnara. F'xi każijiet, speċjalment fuq bastimenti żgħar li jistgħu jwaqqfu temporanjament il-proċess, xi tajr li jinqabad jista' jinħeles ħaj.

Huma affetwati l-ispeċi ta' tajr tal-baħar fil-Mediterran (Balearika, il-Garnija u ċ-Ċiefa), kif ukoll gawwi, inkluż il-Gawwija ta' Munqarha Aħmar.

# BAGI RMUNKATI

## KONZIJIET TAL-QIEGĦ (WAQT IL-KALAR)

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

1. Itfa' l-bagi fil-baħar qabel tibda il-kalata, jew hekk kif tajra tibda ssegwi l-bastiment.
2. Uża l-ogħla punt ta' twaħħil possibbli (mill-inqas 2-3 m minn wiċċ il-baħar).
3. Uża punt ta' twaħħil fil-poppa u separat min-naħa ta' fejn tkala il-konz (jekk possibbli).
4. Ittestja d-distanza tal-ħabel, in-numru u l-forma tal-bagi f'bastimenti differenti. Bagi miksijin b'xibka joħolqu aktar reżistenza fl-ilma.
5. Suq il-bastiment b'veloċità ta' madwar 3- 5 knots u żomm kostanti.

## VANTAĠĠI

- Faċli u malajr jintramaw u jinġabru.
- L-ebda impatt fuq il-qbid tal-ispeċi li tistad għalih jew fuq speċi oħra.
- Probabbiltà baxxa li jitħabblu mal-konz waqt il-kalar .
- Jokkupaw ftit spazju fuq il-bastiment.
- Investiment baxx: jeħtieġu biss materjal disponibbli fuq il-bastiment jew fil-port (ħbula, bagi, labar, karabini).

## PROBLEMI U SOLUZZJONIJIET

- F'kundizzjonijiet ta' riħ jew kurrent qawwi jistgħu jitħabblu mal-konz. Biex dan jiġi evitat, segwi r-rakkomandazzjonijiet t'hawn fuq.
- Jekk il-lixka tibqa' aċċessibbli għat-tajr tal-baħar wara l-aħħar baga, ipprova uża ħabel itwal jew uża wkoll il-miżura tal-piżijiet mal-konz.
- Jekk m'għandekx spazju għall-bagi fuq il-bastiment, naqqas l-ammont tagħhom jekk se tuża wkoll il-miżura tal-piżijiet mal-konz.

## MIŻURI OĦRA LI JMORRU FLIMKIEN

B'mod ġenerali, ebda miżura waħedha ma tista' telimina kompletament il-qbid aċċidentali tat-tajr tal-baħar. Normalment, huma numru ta' miżuri użati flimkien li jnaqqsu b'mod effettiv il-qbid aċċidentali. Kull sajjied jista' jittestja u jagħżel il-miżuri li l-aktar jagħmlu sens għal mal-bastiment u l-prattiċi tas-sajd tiegħu.

Il-kalar tal-konzijiet bil-lejl huwa l-aktar mod effettiv biex jitnaqqas il-qbid aċċidentali tat-tajr tal-baħar. Meta l-kalar isir waqt inżul jew tlugħ ix-xemx, taħt dawl qawwi tal-qamar, jew matul il-jum, l-użu tal-bagi rmunkati flimkien mal-miżura tal-piżijiet mal-konz, jgħinu biex iżommu t-tajr tal-baħar 'l bogħod mis-snanarsakemm dawn jinżlu f'fond fejn it-tajr ma jilħaqhomx.







# SCARYBIRD – IT-TAJRA FORMA TA' PREDATUR

## KONZIJIET (WAQT IL-KALAR)




## KIF TAĦDEM IL-MIŻURA?

L-iscarybird għandha l-għan li tbeżża' t-tajr tal-baħar, u b'hekk iżommu 'l bogħod mill-bastiment. It-tajra teħel ma' arblu estendibbli fil-poppa tal-bastiment waqt il-kalar. Hija magħmula minn drapp ħafif u reżistenti għall-ilma, li jippermettilha tibqa' tiċċaqlaq f'riħ ta' madwar 2 km/h. Il-materjal tat-tajra huwa reżistenti u jiflaħ riħ qawwi għal perjodi twal.

Riżultati preliminari mit-testijiet li saru fil-proġett LIFE PanPuffinus! juru li t-tajra scarybird tista' tnaqqas l-interazzjonijiet tat-tajr tal-baħar mas-snanar waqt il-kalar, kif ukoll il-qbid aċċidentali fuq il-konzijiet kemm tal-qiegħ kif ukoll tal-wiċċ. Madankollu, huwa meħtieġ aktar ittestjar biex tiġi ddeterminata d-distanza mill-punt tat-twaħħil li fih is-Scarybird huwa effettiv biex ibeżża' l-għasafar.

## TIP TA' SAJD

Miżura ta' mitigazzjoni li tiġi implimentata fis-sajd bil-konzijiet, adattata għal sajd fuq skala żgħira u medja li normalment jopera fil-Mediterran. Tista' tiġi applikata kemm għall-konzijiet tal-qiegħ kif ukoll għall-konzijiet tal-wiċċ, li huma immirati għal speċi differenti.

Din il-miżura ta' mitigazzjoni ġiet ittestjata fi Franza, Malta, Spanja u l-Greċja kemm fuq konzijiet tal-qiegħ kif ukoll tal-wiċċ fuq bastimenti ta' bejn 6m u 20m. Tista' tiġi applikata kull fejn iseħħ qbid aċċidentali ta' tajr tal-baħar prinċipalment waqt il-kalar tal-konz. Iridu jsiru aktar testijiet fuq l-effiċjenza waqt l-irfiegħ tal-konz.

## IL-PROBLEMA LI TINDIRIZZA

It-tajr tal-baħar jiġi attirat għall-lixka waqt l-kalar tal-konz u jispiċċa jinqabad mas-sunnara jew jitħabbel fix-xlief. Il-qbid iseħħ f'perjodu qasir minn x'ħin titwaddab s-sunnara mill-bastiment u sakemm tgħereq il-lixka f'fond akbar minn dak li it-tajr tal-baħar normalment jgħoddsu. Il-biċċa l-kbira tat-tajr tal-baħar li jinqabad jispiċċa jegħreq minħabba li jinġibed 'l isfel mas-sunnara. F'xi każijiet, speċjalment fuq bastimenti żgħar li jistgħu jwaqqfu temporanjament il-proċess, xi tajr li jinqabad jista' jinħeles ħaj.



Huma affetwati l-ispeċi ta' tajr tal-baħar fil-Mediterran (Balearika, il-Garnija u ċ-Ċiefa), kif ukoll gawwi, inkluż il-Gawwija ta' Munqarha Aħmar.

# SCARYBIRD – IT-TAJRA FORMA TA' PREDATUR

## KONZIJIET (WAQT IL-KALAR)

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

1. Użaha waqt l-operazzjonijiet tal-kalar.
2. Waħħal l-arblu estendibbli mal-bastiment, kemm jista' jkun qrib il-poppa, vertikalment jew ftit inklinat (sa 30°) biex tevita li t-tajra titgħaqqad mal-istrutturi tal-bastiment.
3. Waħħal l-iscarybird ma'l-arblu u rranġa t-tul tal-ħabla(~50 cm) biex tnaqqas ir-riskju li titgħaqqad.
4. Iġbed kull sezzjoni tal-arblu sal-limitu billi ddawwarhom f'direzzjonijiet opposti.
5. Żomm id-direzzjoni tal-bastiment kontra r-riħ.
6. Biex tevita li t-tajr tal-baħar jidra l-iscarybird, neħħiha wara l-kalar jew l-irfiegħ u żommha f'post sigur ġewwa.

## VANTAĠĠI

- Faċli biex tużha.
- Materjal reżistenti, li ma jgħaddix ilma minnu u ħafif.
- L-ebda impatt fuq il-qbid tal-ispeċi li tistad għalih jew fuq speċi oħra.
- Aċċettata faċilment mis-sajjieda.
- Investiment baxx.

## PROBLEMI U SOLUZZJONIJIET

- It-tajr tal-baħar jista' jidraha u maż-żmien tonqos l-effiċjenza tagħha.
- L-effiċjenza tagħha tista' tvarja skont it-tajr tal-baħar u ż-żmien tas-sena.
- Għal xi konzijiet li jegħrqu bil-mod, l-iscarybird mhux bilfors jkopri d-distanza kollha wara l-bastiment li fiha l-għasafar jistgħu jilħqu l-konz.
- Meta r-riħ ikun ġej minn wara l-bastiment, tista' titħabbel, u għalhekk ma tkunx effettiva.

## MIŻURI OĦRA LI JMORRU FLIMKIEN

B'mod ġenerali, ebda miżura waħedha ma tista' telimina kompletament il-qbid aċċidentali tat-tajr tal-baħar. Normalment, huma numru ta' miżuri użati flimkien li jnaqqsu b'mod effettiv il-qbid aċċidentali. Kull sajjied jista' jittestja u jagħżel il-miżuri li l-aktar jagħmlu sens għal mal-bastiment u l-prattiċi tas-sajd tiegħu.

Il-kalar tal-konzijiet bil-lejl huwa l-aktar mod effettiv biex jonqos il-qbid aċċidentali tat-tajr tal-baħar. Meta l-kalar isir waqt inżul jew tlugħ ix-xemx, taħt dawl qawwi tal-qamar, jew matul il-jum, l-użu ta' Scarybird flimkien mal-miżura taċ-ċomb mal-konz, jgħinu biex iżommu t-tajr tal-baħar 'l bogħod mis-snanar sakemm dawn jinżlu f'fond fejn it-tajr ma jilħaqhomx.







# PIŻIJIET MAL-KONZ

## KONZIJIET TAL-QIEGĦ (WAQT IL-KALAR)

LIFE PanPuffinus!




## KIF TAĦDEM IL-MIŻURA?

Il-piżijiet mal-konz hija teknika użata fis-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ fil-Mediterran, u tvarja skont l-ispeċi li jrid jistad għaliha s-sajjied. Iż-żieda tal-piżijiet mal-konz iżżid il-veloċità li jegħreq biha l-konz. Peress li l-biċċa l-kbira tat-tajr tal-baħar jogħdos sa l-ewwel 10 metri tal-baħar, il-piżijiet mal-konz jniżżlu is-snanar 'l isfel minn dan il-fond b'rata mgħaġġla. B'hekk, it-tajr tal-baħar li jfittex l-ikel fil-wiċċ, ma jkunx jista' jilħaq il-lixka mill-ewwel u b'hekk tonqos il-probabbiltà li jinqabad.

Din il-miżura ta' mitigazzjoni tikkonsisti fiż-żieda fin-numru ta' piżijiet tul il-konz, it-tnaqqis tad-distanza bejniethom, u ż-żieda fil-massa ta' kull piż biex tiżdied ir-rata tal-għarqa tal-konz.

## TIP TA' SAJD

Miżura ta' mitigazzjoni li tiġi implimentata waqt l-kalar tal-konzijiet tal-qiegħ u hi adattata għal sajd fuq skala żgħira u medja li normalment joperaw fil-Mediterran. Tista' tiġi applikata kemm għall-konzijiet tal-qiegħ kif ukoll għall-konzijiet tal-wiċċ li huma immirati għal speċi differenti.

Din il-miżura diġà tintuża fi Franza, fil-Greċja, f'Malta u fi Spanja. Testijiet biex jiżdiedu l-piżijiet mal-konz saru fi Spanja fil-kuntest tal-proġett LIFE PanPuffinus! Din il-miżura tista' tiġi applikata kull fejn iseħħ il-qbid aċċidentali ta' tajr tal-baħar waqt il-kalar ta' konzijiet tal-qiegħ u tal-wiċċ, dejjem jekk is-sajjieda jkunu kunfidenti li jżidu il-piżijiet mal-konz.

## IL-PROBLEMA LI TINDIRIZZA

It-tajr tal-baħar jiġi attirat għall-lixka waqt l-kalar tal-konz u jispiċċa jinqabad mas-sunnara jew jitħabbel fix-xlief. Il-qbid iseħħ f'perjodu qasir minn x'ħin titwaddab s-sunnara mill-bastiment u sakemm tgħereq il-lixka f'fond akbar minn dak li it-tajr tal-baħar normalment jgħoddsu. Il-biċċa l-kbira tat-tajr tal-baħar li jinqabad jispiċċa jegħreq minħabba li jinġibed 'l isfel mas-sunnara. F'xi każijiet, speċjalment fuq bastimenti żgħar li jistgħu jwaqqfu temporanjament il-proċess, xi tajr li jinqabad jista' jinħeles ħaj.

Huma affetwati l-ispeċi ta' tajr tal-baħar fil-Mediterran (Balearika, il-Garnija u ċ-Ċiefa), kif ukoll gawwi, inkluż il-Gawwija ta' Munqarha Aħmar.

# PIŻIJIET MAL-KONZ

## KONZIJIET TAL-QIEGĦ (WAQT IL-KALAR)

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

1. Ittestja piżijiet u distanzi bejn piż u ieħor differenti fuq kull bastiment, filwaqt li tiddetermina kif dawn il-modifiki jikkumplimentaw għall-prattiċi individwali tal-kalar ta' kull sajjied. Matul it-testijiet, l-użu ta' piżijiet ta' 1-2 kg kull 25 il-sunnara jew anqas wera li jaħdem l-aħjar.
2. Li tkala bil-mod jagħmilha aktar faċli li iżżid il-piżijiet mal-konz.
3. Waħħal il-piżijiet max-xlief bi ħbula u labar.
4. Ibdel il-piżijiet u l-ħbula meta jibdew jitmermru.

## VANTAĠĠI

- In-numru ta' piżijiet jista' jiżdied meta jkun hemm numru kbir ta' tajr tal-baħar.
- Sajjieda b'esperjenza fl-użu tal-piżijiet mal-konz għandhom probabbiltà baxxa li jitħabbel il-konz.
- Investiment baxx: teħtieġ biss materjali disponibbli fuq il-bastiment jew fil-port.

## PROBLEMI U SOLUZZJONIJIET

- Jista' jitħabbel il-konz waqt il-kalar meta s-sajjied ma jkollux esperjenza biżżejjed kif jżid il-piżijiet.
- Iżid il-piż totali fil-kalar u l-irfiegħ.
- Jekk jinqala' l- bżonn, huwa aktar diffiċli li twaqqaf il-kalata u dan jagħmilha aktar diffiċli li jinħeles tajr tal-baħar ħaj meta jinqabad.
- Mhix adattata għal-sajd fejn il-piżijiet ifixklu l-qbid tal-ispeċi li s-sajjied ħareġ jistad għaliha.

## MIŻURI OĦRA LI JMORRU FLIMKIEN

B'mod ġenerali, ebda miżura waħedha ma tista' telimina kompletament il-qbid aċċidentali tat-tajr tal-baħar. Normalment, huma numru ta' miżuri użati flimkien li jnaqqsu b'mod effettiv il-qbid aċċidentali. Kull sajjied jista' jittestja u jagħżel il-miżuri li l-aktar jagħmlu sens għal mal-bastiment u l-prattiċi tas-sajd tiegħu.

Il-kalar tal-konzijiet bil-lejl huwa l-aktar mod effettiv biex jonqos il-qbid aċċidentali tat-tajr tal-baħar. Meta l-kalar isir waqt inżul jew tlugħ ix-xemx, taħt dawl qawwi tal-qamar, jew matul il-jum, l-użu ta' Scarybird flimkien mal-miżura tal-piżijiet mal-konz, jgħinu biex iżommu t-tajr tal-baħar 'l bogħod mis-snanar sakemm dawn jinżlu f'fond fejn it-tajr ma jilħaqhomx.







# KIF TEĦLES L-GĦASAFAR LI JINQABDU MAS-SNANAR

LIFE PanPuffinus!

## X'għandek bżonn



## 1 Tella t-tajra fuq il-bastiment

Ieqaf jew naqqas il-veloċità tal-bastiment u tella bil-mod it-tajra b'xibka tal-idejn. Evita li tiġbed il-konz.



## 2 Kun kawt mat-tajra

**Biex tneħħi s-sunnara b'mod aktar faċli, poġġi t-tajra f'borża tad-drapp, bil-ġwienaħ magħluqin u rasha 'l barra.**

**Tajra żgħira**
Żommha f'idejk it-tnejn billi żżomm il-ġwienaħ magħluqin u tgħafasx ħafna.





**Tajra ta' daqs medju**
Mingħajr ma' tagħfas wisq, żomm sew b'idejk waħda l-parti ta' fuq tal-għonq, u bl-id l-oħra aqbad it-truf tal-ġwienaħ, id-denb u s-saqajn.

**Tajra kbira**
Geżwer it-tajra f'xuġaman waqt li żżomm il-ġwienaħ magħluqin ma' ġisem it-tajra. Żommilha għonqha min-naħa ta' wara.



## 3 Neħħi s-sunnara




Aqta' t-tarf tas-sunnara billi tuża tnalja. Jekk dan ma jkunx possibbli, aqta' l-parti l-oħra (it-toqba tal-ganċ).




Aqla' s-sunnara b'idejk jew billi tuża t-tnalja.




Jekk it-tajra tkun belgħet is-sunnara, tippruvax tneħħiha; aqta' kemm jista' jkun qrib il-munqar.

## 4 Ħalli lit-tajra tistrieħ

Jekk it-tajra tkun f'kundizzjoni ħażina, poġġiha f'kaxxa jew f'kontenitur ventilat, f'post kwiet, niexef u fid-dell, sakemm tinxef u turi sinjali ta' rkupru (billi tkun attenta u żżomm rasha 'l fuq).



## 5 Itlaq it-tajra

Itlaq it-tajra direttament fl-ilma jew minn naħa waħda tal-bastiment, favur ir-riħ.



Raul Deamo

# KIF TEĦLES L-GĦASAFAR LI JINQABDU FIX-XBIEKI

## X'għandek bżonn



## 1 Tella t-tajra fuq il-bastiment

Ieqaf jew naqqas il-veloċità tal-bastiment u jekk hu possibbli tella t-tajra fuq il-bastiment biex tevita ġrieħi.



## 2 Kun kawt mat-tajra

- Żomm it-tajra sew mingħajr ma' tagħfasha. Jekk possibli uża xugaman jew kutra biex tgħattilha għajnejha u żżommha milli tiftaħ il-ġwienaħ.
- Żomm munqarha mingħajr ma tagħttilha t-toqob minn fejn tieħu n-nifs.
- Jekk it-tajra tirremetti, erħi ftit idejk minn fuq il-munqar



## 3 Ħoll it-tajra

A) Aqta' x-xibka madwar it-tajra. Evita li tiġbed it-tajra minn ġox-xibka.

B) Wara li taqla t-tajra minn max-xibka, ara li m'hemmx biċċiet żgħar tax-xibka fuq ġwenħajha, għonqha jew saqajha.

A)



B)



## 4 Ħalli lit-tajra tistrieħ

Jekk it-tajra tkun f'kundizzjoni ħażina, poġġiha f'kaxxa jew f'kontenitur ventilat, f'post kwiet, niexef u fid-dell, sakemm tinxef u turi sinjali ta' rkupru (billi tkun attenta u żżomm rasha 'l fuq).



## 5 Itlaq it-tajra

Itlaq it-tajra direttament fl-ilma jew minn naħa waħda tal-bastiment, favur ir-riħ.





LIFE
PanPuffinus!

Co-funded by the European Union

NATURA 2000

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

BirdLife MALTA

LPO Agir pour la biodiversité

spea

SEO BirdLife

N.E.C.C.A.

Ορνιθολογική HELLENIC ORNITHOLOGICAL SOCIETY

**Appoġġjat minn:**

GREEN FUND

A.G. LEVENTIS FOUNDATION

OFB OFFICE FRANÇAIS DE LA BIODIVERSITÉ

FONDATION NATURE & DECOUVERTES

SATHOAN

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Food4Good

MAVA

Oceanário de Lisboa

FUNDO AMBIENTAL

LIFE

PanPuffinus!

MIŻURI TA' MITIGAZZJONI GĦALL-QBID AĊĊIDENTALI TAL-GĦASAFAR TAL BAĦAR LINJI GWIDA